MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-18 ta' April, 2013

Rikors Numru. 449/2012

**Carmen Calafato**

**vs**

**Agnes Cutajar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikata sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi permezz ta' procedura legali bin-numru 1033/1993 ipprocediet kontra l-intimata fuq riferita fejn talbet ir-restituzzjoni ta' erbat elef u tnejn u hamsin Ewro u sitta w erbghin centezmu, (€4,052.46), dovuta mill-intimata wara li hi kienet precedentement sellfet somma akbar lill-istess intimata;

2. Illi l-imsemmija procedura kienet deciza fil-15 ta' Dicembru, 2000, (ara fol 1 u fol 32), li permezz tal-istess il-qorti kkundannat lill-intimata Cutajar thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lill-istess rikorrenti Calafato;

3. Illi mis-sentenza fuq citata ghaddew aktar minn tnax –il sena u l-intimata ghadha ma ottemporatx ruhha mal-istess sentenza;

4. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti fuq indikata qed titlob lil din il-qorti biex:

I. Tirrendi ezekuttiva s-sentenza fl-ismijiet Carmen Calafato vs Agnes Cutajar, Citazzjoni Numru 1033/1993 datata l-15 ta' Dicembru, 2000;

II. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont il-ligi kontra l-intimata;

Rat li l-intimata giet debitament notifikata permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni;

Tirrileva li l-intimata Cutajar baqghet fi stat ta' kontumacja;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva wkoll li nonostante l-verbal datat is-26 ta' Marzu, 2013, l-intimata xorta ghazlet li ma tidhirx f'din il-procedura, (ara fol 31);

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li permezz tas-sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta datata l-15 ta' Dicembru, 2000, gie deciz li l-intimata odjerna, hemm konvenuta Agnes Cutajar kienet ikkundannata thallas lir-rikorrenti odjerna, hemm attrici Carmen Calafato – ammont ta' elf, seba' mija

u erbghin Lira Maltin, (Lm1,740.00), oltre l-ispejjez u bl-imghaxijiet hemm indikati, (ara fol 33);

Illi mid-data tal-imsemmija sentenza sal-lum l-istess sentenza ma gietx infurzata;

Ili jirrizulta wkoll assodat li mid-data tas-sentenza ndikata fil-paragrafu precedenti sal-lum, ghaddew aktar minn tnax (12) –il sena;

Ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi ghas-sodisfazzjon ta' din il-qorti u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Carmen Calafato:

1. Tirrendi ezekuttiva s-sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta fl-ismijiet Carmen Calafato vs Agnes Cutajar, Citazzjoni Numru 1033/1993, datata l-15 ta' Dicembru, 2000;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skont il-ligi kontra l-intimata Agnes Cutajar.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------